# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 33**

**Avviz numru 907/99/SM**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentantrici tas-socjeta' assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc., kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mary Louise Schwenbacher.**

**vs**

**John Borg u b'digriet tat-28 ta' Frar tas-sena 2001 isem il-konvenut ghandu jaqra Johan.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:**

1. **Iddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici**

**bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fl-24 ta' Frar ta' l-1998 fil-limiti ta' Haz-Zabbar waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru EBA 368, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mal-vettura nurmu BAA 998 proprjeta' ta' l-attur, u ikkaguna hsara konsiderevoli f'din il-vettura;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' seba' mija u sitta u disghin Lira Maltin u tmien centezmi, (LM796.08,0) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;**

3. **Ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;**

4. **Bl-ispejjez komprisi dawk ta' ittra ufficjali tat-30 ta' Dicembru 1998 u ta' ittra ufficjali ohra ippresentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kollox kontra l-istess konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datat d-19 ta' Lulju ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi dak li talbet is-socjeta' attrici ghandu jigi michud billi ghall-incident de quo kienet tahti l-assikurata tal-attur noe;**

2. **Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, hu kien offra soluzzjoni bonarja ai termini tal-ittra esibita bhala Dok. S izda din mank kellha risposta u kull decizjoni ta' dina l-Onor Qorti ghandha si et quatenus, tqis id-Dok S u dan a sew bhala att ta' gustizzja kif ukoll ghax b'hekk biss jista jonqos l-ghadd ta' kawzi f'kazijiet li jistghu jigu solvuti "out of Court";**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fl-24 ta' Frar ta' l-1998 ghall-habta ta' nofs inhar neqsin kwart fi Triq il-Kapuccini, Haz-Zabbar bejn il-vettura tal-marka Skoda bin-numru ta' registrazzjoni EBA-368 misjuqa mill-konvenut Johan Borg u l-vettura tal-marka Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni BAA-998 misjqua minn Stefan Schwenbacker;**

2. **Illi l-imsemmi Schwenbacker isostni li l-incident de quo sehh meta f'daqqa wahda ra l-vettura tal-konvenut gejja fuq in-naha tieghu tat-triq, ma setghax jevitahd u saret il-kollizjoni;**

3. **Illi skond l-istess Schwenbacker il-vettura indikata fl-iskizz bhala pparkjata kienet aktar il-boghod mill-vetturi involuti fl-incident milli kif tidher fl-istess skizz;**

4. **Illi Schwenbacker isostni li kien fuq il-karreggjata tieghu meta sehh l-incident;**

5. **Illi d-danni sofferti minn Schwenbacker indikati fl-avviz odjern ghamlet tajjeb ghalihom l-assikurazzjoni attrici;**

6. **Illi ghalkemm il-konvenut Borg isostni illi l-incident sehh peress li Schwenbacker kien ghadu kemm jissorpassa l-vettura indikata bhala ipparkjata fl-iskizz a fol 26, pero' jikkonferma li l-vettura tieghu kienet dahlet abbundantement fil-karreggjata rizervata ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta assodat li l-incident in dizamina sehh f'dik ilp-arti tal-karreggjata ta' Triq il-Kappucini rizervata ghall-vetturi gejjin mid-direzzjoni mill-Kalkara lejn Haz-Zabbar;**

**Illi l-vettura misjqua minn Schwenbacher tirrizulta li kienet fil-karreggjata taghha mentri dik misjuqa mill-konvenut kienet invadit dik il-karreggjata minghajr dritt;**

**Illi l-prudenza tirrikjedi li dan ma jsehhx;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi illi:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Johan Borg unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' seba' mija u sitta u disghin Lira Maltin u tmien centezmi, (LM796.08,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Johan Borg biex ihallas l-ammont ta' danni hekk likwidati, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**